Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 415 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Robert Vella

Vs

Michael Angelo Cutajar

Illum 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Angelo Cutajar detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 556663 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar l-20 ta' Frar 2017 u / jew fil-jiem u l-granet u gimghat ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, dahal u harat ghalqa jew gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd jaghmel dan u fixkel lil Eugenio Farrugia mill-uzu u l-pussess tal-ghalqa fil-limiti tal-Buskett bejn il-Winery u l-Ghar il-Kbir l / o Dingli Malta.
>
> Il-Qorti giet mitluba biex f' kaz ta' htija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 377 (5) tal-Kapitlu 9 sabiex tassigura li l-persuna li batiet ll-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija barra milli taghti il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' Artikolu 85 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-imputat MICHAEL ANGELO CUTAJAR hati tal-akkuzi u ikkundannatu multa ta' tmenin ewro (€80) u ordnat sabiex fi zmien gimgha mill-llum ai termini tal-Artikolu 377 (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat jizgombra mill-ghalqa.

Il-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' spejjez in konnessjoni mal-hatra tal-esperti maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gewx nominati esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Michael Angelo Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-Aggravji huma dawn u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

Illi l-esponenti hass ruħu ferm aggravat bid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi l-appellanti ġie akkużat bir-reat ta' *ragion fattasi* wara kwerela ta' Eugenio Farrugia. Illi fis-sentenza tal-21 ta` Frar, 2012 mogħtija mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) vs Rennie Azzopardi, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tagħmel referenza għal ġurisprudenza, senjatament Il-Pulizija versus Lungaro tal-15 ta` Novembru, 1996 fejn ġie stabbilit li sabiex ir-reat ikkontemplat taħt l-artikolu 85 tal-Kap 9 jirnexxi erba` elementi iridu jiġu sodisfaċċjatament ippruvati u ċioe, *(1) att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwi kontra l-opposizzjoni, espressa jew preżunta, ta` dan il-ħaddiehor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta` dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta` l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari la persuasione di fare da se' cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera dal Magistrato); u (4) in-nuqqas ta` titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

*Biex ikun hemm ir-reat ta` ragion fattasi jridu jikkonkorru l-elementi kollha tiegħu.'*

Illi li tajjeb li jiġi enfasizzat illi ir-reat in eżamina bl-ebda mod ma jistgħa jirnexxi jekk ma jkunx hemm xi forma jew oħra ta` pussess. Di fatti fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-3 ta` Ġunju, 2014, fl-ismijiet Il-Puliżija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Paul Tabone, ġie ribadut li *għall-finijiet tar-reat ta` ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta` pussess* u dan minkejja li jista' jkun wieħed illegali, huwa neċessarju u indispensabbli.

Illi stabbilit dan kollu l-appellanti ser jgħaddi sabiex jispjega l-aggravji tiegħu;

Illi **<u>l-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile naqsu għal kollox milli jippruvaw b' mod soddisfaċenti l-element tal-pussess meħtieġ sabiex tirnexxi l-imputazzjoni tar-reat ta' *ragion fattasi*</u>**. Il-kwerelant Eugenio Farrugia naqas milli jġib prova mqar waħda li huwa kellu pussess ta` l-għalqa in kwistjoni. Matul is-smiegħ tal-kawża quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti il-prosekuzzjoni u l-parte ċivile naqsu għal kollox milli jippruvaw illi l-parte civile tassew kellu xi pussess ta' l-għalqa in kwistjoni u mnejn kien jirriżulta tali pussess. Kif ingħad, l-għalqa kienet waħda żdingata u abbandunata qabel ġiet maħduma fuq direzzjoni ta' l-appellanti. Inoltre l-appellanti kien ilu żmien sew jaħdimha qabel ma l-parte civile Eugenio Farrugia deherlu illi għandu jipproċedi kriminalment kontra l-appellanti. Hija sottomissjoni ta' l-appellanti illi hija teżi bil-wisq

imġebbda illi parte ċivile tallega li hija kienet xi darba taħdem għalqa u titlob li jittieħdu proċeduri kriminali kontra wieħed mis-sidien wara li tiġi konxja li wieħed mis-sidien jista' jkun qiegħed jaħdem ħwejġu. Il-pussess ma jistax ikun immaġinarju. Lanqas jista' jkun mingħajr l-ebda referenza għal żmien jew perjodu: quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti il-parte ċivile naqas għal kollox – huwa u x-xhieda minnu prodotti – illi jistabbilixxi l-perjodu fejn allegatament kellu pussess ta' l-għalqa in kwistjoni u kif kien jeżerċita tali pussess. Tabilħaqq, il-parte ċivile lanqas biss seta' kellu xi tip ta' pussess billi huwa persuna anzjana u ma kienx jiflaħ u ċertament ma kienx jaħdem jew imur fil-proprjetà ta' l-esponenti fiż-żmien meta l-appellanti ħa ħsieb ineħħi l-iżdonk mill-għalqa u jagħmel sistema ta' *drip irrigation*. Inoltre ix-xhieda mogħtija mill-parte civile u t-teżi tiegħu tippekka wkoll f' aspett ieħor: huwa ma jgħid imkien xi prodott allegatament kien jieħu mill-għalqa in kwistjoni, ma ġabx prova li huwa kien reġistrat ma' l-Għammieri bħala bidwi u lanqas ġab xi prova li huwa kien idaħħal xi prodott il-pitkalija;

Illi inoltre bħala stat ta' fatt, il-kwerelant Eugenio Farrugia ma jħallasx qbiela, ma għandu l-ebda ktieb tal-qbiela u qatt ma iddepożita xi qbiela taħt l-awtorità tal-Qorti – fatti illi ġew ammessi minnu stess meta ġie mistoqsi in kontro-eżami quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Illi dana kollu ma jaqbel xejn ma dak ritenut fis-sentenza appellata illi l-parte ċivile kien ilu żmien twil jaħdem l-għalqa in kwistjoni u li ma ħadimhiex biss għaliex kellu jagħmel xi intervent mediku. Li kieku dak allegat mill-parte ċivile huwa minnu kieku l-parte ċivile kien ikollu xi prova dokumentarja oltre x-xhieda tiegħu u ta' familjari tiegħu. Ix-xhieda prodotti mill-parte ċivile ma humiex attendibbli billi huma lkoll kemm huma huma membru tal-familja tiegħu (għajr wieħed) li lkoll isostnu l-istess ħaġa, u ċioe li lkoll jiftakruħ *jaħdem għalqa* madankollu mingħajr ma l-ewwel nett jidentifikaw l-għalqa in kwistjoni u lanqas jagħtu perjodu ta' meta kien jaħdimha. Iktar minnhekk, ħadd minnhom ma kien koxxenti personalment dwar il-fatti li wasslu għall-imputazzjoni odjerna. L-appellanti jirrileva wkoll illi l-parte ċivile stess jammetti minn jeddu li jekk *semmai* qabel kien jaħdimha hu ma felaħx iżjed jaħdimha u dan minħabba saħħtu u l-qagħda tagħha ikkonfermata mid-dokumenti eżebiti minnu stess. L-appellanti jżid illi l-kwerela tal-parte ċivile ippreżentata xhur wara l-allegata kummissjoni tar-reat ta' *ragion fattasi* hija manuvra magħmula biss bl-intenzjoni unika sabiex jisfratta negozju ta' bejgħ ta' l-għalqa in kwistjoni wara li sar jaf li s-sidien kienu f'taħdidiet għal bejgħ prospettiv ta' l-għalqa in kwistjoni;

Illi magħdud ma' dan kollu hemm fatt ieħor importanti: imkien fil-kuntratti ta' l-akkwist ta' l-esponenti – eżebiti fl-atti – ma jingħad illi l-għalqa in kwistjoni hija b'xi mod imqabbla jew maħduma mill-parte ċivile. Huwa żgur fattur illi kieku min biegħ lill-appellanti ma kienx jonqos milli jsemmi fil-kuntratti ta' bejgħ;

Illi barra minn dan kollu għandu jiġi rilevat ukoll iżda sussidjarjament illi anke kieku *gratia argomenti* kellu jingħad illi dina l-Onorabbli Qorti tifhimha illi l-parte ċivile kellu xi darba xi tip ta' pussess ta' l-għalqa in kwistjoni, tali fatt bl-ebda mod ma jfisser illi l-parte ċivile kellu pussess esklussiv, bl-ebda mod ma jeskludi l-pussess ta' l-appellanti u lanqas ifisser illi l-appellanti ikkommetta xi reat ta' *ragion fattasi* u wisq u wisq anqas ifisser illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tordna l-iżgombru ta' l-appellanti minn ħwejġu. Il-pussess jista' jkun ukoll vestit f'aktar minn persuna waħda;

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha l-appellanti umilment jissottometi illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' dan l-ewwel aggravju tiegħu u teħilsu minn kull imputazzjoni u ħtija;

Illi **<u>t-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa illi fil-każ odjern tonqos għal kollox kwalunkwe tip ta' prova dwar it-tielet element tar-reat ta' *ragion fattasi*</u>**;

Illi t-tielet element stabbilit mill-ġurisprudenza huwa fis-sens illi trid issir il-prova ta' *il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta` l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari la persuasione di fare da se' cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera dal Magistrato)*;

Illi f'dan il-każ ma ġie ippruvat bl-ebda mod illi l-appellanti kien b'xi mod konxju li qiegħed jagħmel xi att li suppost sar bil-mezz ta' l-awtorità pubblika: huwa sempliċement ħadem għalqa żdingata li huwa komproprjetarju tagħha mingħajr bl-ebda mod ma kien jaf li l-parte ċivile seta' qatt javvanza xi pretensjonijiet. Dan tant huwa minnu li l-parte ċivile saħansitra xehed illi huwa lanqas biss kien jaf lill-appellanti. Għalhekk tonqos għal kollox il-prova ta' dan l-element intenzjonali u l-appellanti għandu għalhekk ukoll jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija;

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel aggravvju minnu intentat l-appellanti jilmenta illi ma giex ippruvat illi fiz-zmien indikat fl-akkuza il-parti leza Eugenio Farrugia kellu l-pussess tal-ghalqa mertu tal-kaz biex b'hekk l-ewwel element essenzjali sabiex tirnexxi l-azzjoni hekk imsejjha ta' "ragion fattasi" huwa nieqes.

Issa f'xenarju klassiku ta' *raggion fattasi,* l-awtur tar-reat, bl-azzjonijiet tieghu, jarroga ghalih l-poteri ta'l-awtoritajiet gudizzjarju sabiex jiehu dak li jippretendi li ghandu jedd ghalih.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et." (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u
(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[1].

Illi allura huwa bizzejjed illi l-parti leza tigi spoljata mit-tgawdija tal-oggett fil-pussess taghha. Issa l-fattispecje tal-kaz huma piuttost semplici. Il-parti leza Eugenio Farrugia kien ghal zmien twil jahdem bicca raba fil-limiti tal-Buskett gewwa Had Dingli. Ir-raba kienet proprjeta ta' zijuh Giuseppi Farrugia li miet guvni ghal habta tas-sena 1980, u ghalhekk ir-raba intirtet minn hames hutu, inkluz allura missier l-parti leza. Ir-raba izda kienet u baqghet tinhadem mill-parti leza sakemm kellu jieqaf ghal xi zmien minhabba mard tal-qalb. Ghal habta ta' Ottubru 2016 huwa gie operat u ghalhekk ghamel xi zmien wieqaf mix-xoghol tar-raba u dan fuq parir tat-tobba kuranti tieghu. Jidher illi l-appellanti beda jinteressa ruhu f'din ir-raba tant illi anke wera ix-xewqa li jixtrieha, tant illi anke xtara xi sehem minnha minn ghand xi werrieta. L-appellanti stess fix-xhieda tieghu izda jammetti illi huwa dahal fir-raba

[1] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004

ghal habta ta' Frar 2017 u beda jahratha u dan minaghjr il-kunsens tal-parti leza. Fil-fatt *ex admissis* l-appellanti ighid illi huwa kien jaf illi Farrugia kien jahdem dik l-ghalqa u ukoll li ghal xi zmien kien waqaf jidhol hemmhekk. Tant hu hekk illi sahansitra jammetti illi ghal habta ta' Awwissu 2016 hu kien avvicinah biex jakkwistaha, izda jidher illi Farrugia irrifjuta.

Issa esposti dawn il-fatti probatorji, huwa indubitat illi l-fattsipecje ta dan il-kaz jipprezentaw kaz klassiku ta' *ragion fattasi* u dan meta l-appellanti ben konxju tal-fatt illi l-parti leza kien jahdem din ir-raba, u ben konxju tal-fatt illi sahansitra dan kellu sehem mill-istess proprejta', qabad u dahal jahdem din ir-raba minghajr il-kunsens ta'l-istess. L-appellanti li kellu interess li jakkwista l-proprjeta ta dina l-ghalqa, tant illi kien anke xtara xi ishma minnha, rinfaccjat bl-oggezzjoni tal-parti leza ghal bejgh tal-kumplament ta'l-ishma u ipprezentat bl-opportunita' illi jidhol fl-ghalqa meta l-parti leza ghamel xi zmien ma jahdimhiex ghaliex kien rikoverat l-ewwel l-isptar imbaghad id-dar minhabba mard, qabad u ha il-ligi b'idejh u ha pussess ta' dik ir-raba.

Gie ritenut illi :

"**Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha**.[2]"

Fuq kollox:

"**L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**"

Illi gie deciz:

---

[2] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

*"Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett.*[3]*".*

Illi imfassla dawn punti ta′ dritt u imqabbla mal-fattispecje ta′ dan il-kaz, ghalhekk l-ewwel aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment, b′dan ghalhekk illi konsegwenzjalment anke it-tieni aggravvju qed jigi michud billi kif inghad l-element intenzjonali anke mix-xhieda stess ta′l-appellanti huwa ippruvat, kif inghad.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud, is-sentenza appellata ikkonfermata, bit-terminu indikat fis-sentenza appellata sabiex jitnehha l-istat antiguridiku jibda isehh mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[3] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998